Arkivre Arkivre

Illum (30) ta' Lulju elfejn u dsatax (2019).

Att Nru.

Dikjarazzjoni
Causa Mortis

Insinwat
(Ghawdex)
Vol. "I"

Quddiemi Nutar Dottor Anna Maria Mizzi qed jidher personalment wara li vverifikajt l-identita' tieghu mid-dokument uffiċjali hawn taħt indikat:

Grazio sive Horace Buttigieg, deliveryman, imwieled Pieta', Malta fit-tletin (30) ta' Lulju elf disa' mija u wiehed u sittin (1961) u residenti numru hdax (11) Triq Santa Marija tal-Qala, Qala, Ghawdex u li ghandu karta tal-identita' numru 49226M, li ġiet dikjarata fiċ-ċertifikat l-prezenti kemm f'ismu propio kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' huh **Raymond Buttigieg,** minghajr okkupazzjoni, imwieled Pieta', Malta fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju elf disa' mija u sittin (1960) u residenti numru tmintax (18) Triq il-Telgha, Qala, Ghawdex, u li ghandu numru tal-karta tal-identita' 368860M, ahwa Buttigieg, ulied il-mejjet Joseph Buttigieg u Grazia nee' Mizzi, aktar l' isfel ilkoll flimkien u solidalment bejniethom imsejjha d-"Dikjaranti", kif jiddikajra li huwa debitament verbalment awtorizzat.

Jiddikjaraw u jippremettu:

Li Joseph Buttigieg, gia' benesjomart, ibn il-mejjtin Michele Buttigieg u Maria nee' Strazzera, imwieled Qala, Ghawdex fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju elf disa' mija u erbgha u tletin (1934), gia' residenti numru numru hdax (11), Triq Santa Marija tal-Qala, Qala, Ghawdex, gia detentur tal-karta tal-identita' numru 36134G, miet fit-tmintax (18) ta' Awissu elfejn u tmintax (2018), kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt, hawn immarkat **Dokument "A".**

Illi mir-riċerki uffiċjali li saru fir-Reġistri Pubbliċi ta' Malta u Għawdex, u fil-Qrati ta' Malta u ta' Għawdex, li jinsabu hawn annessi u mmarkati bħala **Dokumenti "B"** u **"C"** rispettivament jirriżulta illi l-istess Joseph Buttigieg [illegible] ebda testment u ghalhekk miet intestat.

Illi l-armla tad-decuius, Grazia Buttigieg irrinunzjat ghall-wirt tal-imsemmi zewgha Joseph Buttigieg permezz ta' nota ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-tnejn (2) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018) kif jidher mill-kopja tal-istess nota hawn annessa u mmarkata **Dokument "D"**.

Ghalhekk b'dana pretiz dd.Kamra, id-dikjarazzjoni sejrin jghaddu biex jaghmlu id-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis preskritta mill-Artikolu tlieta u tletin (33) tal-Att numru Sbatax tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (XVII.1993) u jiddikjaraw illi huma wirtu ex lege s-segwenti proprjeta' immobbli illi kienet tappartjeni lill-imsemmi Joseph Buttigieg fil-gurnata tal-mewt tieghu, u wirtuha f'ishma ndaqs u ndivizament bejniehtom:

1. il-kwota ta' nofs indiviz (1/2) minn hames partijiet minn sitta (5/6) indivizi, u cioe' il-kwota ta' hamsa minn tnax (5/12) indiviz mir-residenza tad-decuius u cioe' d-dar bil-garaxx u mandra annessi, bin-numru hdax (11) drabi ohra maghrufa bhala numru ghaxra (10), fi Triq Santa Marija tal-Qala qabel maghrufa bhala Triq is-Salib, Qala, Ghawdex, libera u franka u bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha, murija ahjar fl-intier fuq is-site plan hawn annessa u mmarkata **Dokument "E"**, tal-valur tal-istess kwota, moghti mid-dikjaranti, ta' ***mija hamsa u ghoxrin elf Ewro (€125,000)***.

Ghall-fini tal-istess Att numru Sbatax tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (XVII.1993), id-dikjaranti jiddikjaraw li l-valur minnhom attribwit lill-immobli fuq deskritt huwa veru, gust u reali, liema dikjarazzjoni qeghdha tigi maghmula minnhom wara li jien Nutar sottofirmata fehemthom l-importanza li jiddikjaraw il-verita' skond il-Ligi.

Ghall-fini tal-istess Att numru Sbatax tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (XVII.1993) fuq indikat, jigi ddikjarat mid-dikjaranti li d-dar hawn fuq deskritta kienet tikkostitwixxi r-residenza ordinarja tad-decuius ghal aktar minn dawn l-ahhar tlett (3) snin u li intirtet minn uliedu d-dikjaranti, liema dikjarazzjonijiet qed isiru wara li jien nutar sottoskritta wissejt bl-importanza tal-veracita' taghhom. Ghalhekk ebda taxxa ma hija dovuta fuq il-valur tal-imsemmija dar residenzjali.

Id-dikjaranti jirriservaw id-dritt li jikkoregu, jemendaw jew izidu b'dikjarazzjonijiet ta' trasferiment causa mortis ohrajn, aktar proprjeta' derivanti mill-wirt u s[illegible]joni tal-imsemmi Joseph Buttigieg.

Maghmul, moqri u ippubblikat wara d-debita cerzjorazzjoni, skond il-Ligi, f'Ghawdex, Victoria, Triq Gorg Borg Olivier, f' "Ta' Mliet Court", bla numru, fl-ufficcju nternament immarkat bin-numru tnejn (2).

Nutar Pubbliku, Malta